# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 31/2024 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1331/2023**

**Av. Marlon Borg bħala mandatarju speċjali ta' Jan Fila**

***v.***

***BP Group Limited* (C-52434)**
**ġà *Betpoint Group Limited***

1. Dan huwa appell tal-Av. Marlon Borg f'isem Jan Fila ["is-sekwestrant"] minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar 2024 li laqgħet talba ta' *BP Group Limited* ["is-sekwestrata"] taħt l-art. 281(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tħassar mandat ta' sekwestru esekuttiv maħruġ fuq talba tas-sekwestrant kontra s-sekwestrata. Il-fatti relevanti ġew imfissra fil-provvediment mogħti minn din il-qorti fis-17 ta' Ġunju 2024.

2. Fil-provvediment tal-15 ta' Frar 2024 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti kienet laqgħet it-talba tas-sekwestrata għat-tħassir tal-mandat għax sabet illi l-ħruġ tal-mandat kien bi ksur tal-art. 56A tal-Att dwar il-Logħob ["Kap. 583"]. Is-sekwestrant ressaq l-appell tallum minn dak il-provvediment iżda din il-qorti fil-provvediment tas-17 ta' Ġunju 2024 osservat illi "safejn imsejjes fuq l-aggravji mressqa mill-appellant, l-appell ma jistax jintlaqa'". Madankollu, fil-fehma tal-qorti, kwistjoni relevanti għall-każ tallum, u li hija meħtieġa deċiżjoni dwarha għalkemm ma tqanqlitx fl-aggravji, hija "jekk id-disposizzjoni tal-art. 56A tolqotx il-każ tallum u jekk hijiex bi ksur ta' disposizzjoni tal-liġi ġerarkikament ogħla". Din il-qorti mbagħad, sabiex tħares dak li jgħid u jrid l-art. 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kompliet tgħid illi "ma hijiex sejra tiddisponi finalment mill-appell illum iżda tiddifferixxi s-smigħ għall-għanijiet ta' trattazzjoni dwar il-materja mqanqla f'dan il-paragrafu".

3. Waqt it-trattazzjoni s-sekwestrata ressqet l-eċċezzjoni illi din il-qorti hija marbuta bil-parametri tal-aggravji tal-appell u ma tistax *ex officio* tqanqal u tqis kwistjonijiet li ma tressqux fir-rikors tal-appell. Osservat illi l-proċedura għall-esekuzzjoni ta' ordni ta' ħlas Ewropew maħruġ taħt ir-Regolament 1896/2006 (bħalma hija din tallum) hija regolata mil-liġi domestika, kif igħid l-art. 26 tal-istess Regolament[1]. Is-sekwestrata tgħid ukoll illi ladarba l-proċedura għall-esekuzzjoni hija regolata bil-liġi domestika, mela l-art. 56A għandu jolqot ukoll il-proċedura tallum.

4. Għalkemm huwa minnu illi l-proċedura għall-esekuzzjoni hija regolata bil-liġi domestika, madankollu *iura novit curia* u l-qorti ma tistax tagħti effett lil

---

1 »Il-kwistjonijiet proċedurali kollha li ma ġewx ittrattati b'mod speċifiku f'dan ir-Regolament għandhom jiġu rregolati mil-liġi nazzjonali.«

provvediment li jkun bi ksur tal-liġi, partikolarment meta tqum il-kwistjoni jekk il-liġi li tkun qiegħda tinkiser hijiex waħda ġerarkikament ogħla – li għalhekk il-ħarsien tagħha huwa kwistjoni ta’ ordni pubbliku – u aktar u aktar meta, jekk tonqos milli tqanqal il-kwistjoni, il-qorti jkollha tasal biex tagħti deċiżjonijiet diverġenti f’kawżi li jkunu identiċi. F’ċirkostanzi bħal dawk tallum għalhekk il-qorti għandha s-setgħa li tqanqal eċċezzjoni *ex officio* sakemm tħares dak li jgħid u jrid l-art. 732A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif fil-fatt għamlet fil-provvediment tas-17 ta’ Ġunju 2024.

5. Ngħaddu mela għall-meritu tal-kwistjoni.

6. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk ir-Regolament 1896/2006 jippermettix eċċezzjoni ta’ ordni pubbliku sabiex ma jingħatax effett lil ordni ta’ ħlas Ewropew. Jekk ir-Regolament 1896/2006 ma jippermettix dik l-eċċezzjoni, l-art. 56A, billi jrid iwaqqaf l-infurzar “bħala prinċipju ta’ ordni pubbliku”, ikun bla effett safejn irid iwaqqaf l-infurzar ta’ ordni ta’ ħlas maħruġ taħt dak ir-Regolament.

7. Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [“Regolament *Bruxelles I*”] jaħseb għal eċċezzjoni ta’ ordni pubbliku – imsejjaħ “strateġija pubblika (*ordre public*) fl-art. 45(1)(a) – iżda ma hemmx disposizzjoni bħal din fir-Regolament 1896/2006. Dan ifisser illi r-Regolament 1896/2006 ma jippermettix eċċezzjoni bħal dik.

8. "Rifjut ta' infurzar" "quddiem qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar" – bħalma qiegħda titlob is-sekwestrata fil-każ tallum – huwa regolat fl-art. 22 tar-Regolament 1896/2006 li jippermetti rifjut biss (i) fil-każ ta' *res iudicata* li tkun "irrikonċiljabbli" mal-ordni ta' ħlas, u biss fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-para. (a), (b) u (ċ) tal-istess artikolu, u (ii) fil-każ illi d-dejn kanonizzat bl-ordni ta' ħlas ikun ġà mħallas.

9. L-art. 22(3) igħid espressament illi l-ordni ta' ħlas "ma tista' tiġi riveduta taħt l-ebda ċirkostanza għal dak li jirrigwarda s-sustanza tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar", u, għalhekk, lanqas għal raġunijiet ta' ordni pubbliku.

10. Dan ifisser illi s-sekwestrata ma tistax tistrieħ fuq l-art. 56A tal-Kap. 583 biex twaqqaf l-infurzar ta' ordni ta' ħlas maħruġ taħt ir-Regolament 1896/2006. Il-provvediment appellat, li jistrieħ appuntu fuq l-art. 56A biex iħassar il-mandat impunjat, għalhekk huwa ħażin.

11. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tħassar il-provvediment tal-15 ta' Frar 2024. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-sekwestrata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da